MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 439/2010

**A B**
**vs**
**C D, J D mart l-istess C u minnu legalment separata u d-Direttur tar-Registru Pubbliku u Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tat-30 ta' Dicembru 2010 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri S D.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrent ippremetta:

1. Illi fl-Att ta' Twelid iskritt bin-numru 2525, li dahal fir-Registru Pubbliku fis-6 t'Awwissu, 2008 (Dok. A anness) gie rregistrat illi fis-7 ta' Lulju, 2008, twieldet tifla li nghatat l-isem "S" lill-konvenuta J D (KI Nru. 31562M), legalment separata b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-11 ta' Dicembru, 2008, citazzjoni numru 385/05NC (Dok. B) minn mal-konvenut C D (KI nru. 10660M) u l-istess C D

gie irregistrat bhala l-missier u konsegwentement it-tifla giet irregistrata bhala “S D”;
2. Illi qabel l-imsemmi twelid, il-konvenuti konjugi D kienu gia` ilhom ‘*de facto’* separati ghall-ghaxar xhur u ferm aktar, effettivament minn Gunju 2004, minghajr qatt ma regghu inghaqdu flimkien;
3. Illi tul l-imsemmija ghaxar xhur qabel it-twelid u anke qabel dan il-perjodu, l-attur kellu relazzjonijiet intimi mal-konvenuta;
4. Illi fis-7 ta’ Lulju, 2008, twieldet l-imsemmija tifla S mir-relazzjoni ta’ bejn l-attur u l-konvenuta J D u hames xhur u erbat ijiem wara dan it-twelid, sehhet is-separazzjoni legali fil-11 ta’ Dicembru, 2008 bejn il-konvenuti D, permezz tas-sentenza sucitata li ghaddiet in gudikat;
5. Illi kif ikkonfermat fl-anness certifkat tad-DNA datat 24 ta’ Settembru 2010 (Dok. C), l-attur huwa l-missier bijologiku tat-tifla rregistrata fl-att tat-twelid 2525/2008, bhala ‘S D’
6. Illi huwa ghandu interess u jrid li l-istat rejali tat-tifla jigi rikonoxxut legalment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;
7. Illi, hlief ghat-tieni paragrafu, huwa jaf b’dawn il-fatti personalment.

B. RAGUNI TAT-TALBA

L-attur jippremetti bhala raguni ghat-talba:

Illi t-tifla tnizzlet fic-certifikat tat-twelid taghha bhala ‘S D’ bint ‘C D’ unikament minhabba prezunzjoni legali konsegwenti ghall-fatt:

- li l-omm, J D, kienet tul l-ghaxar xhur qabel it-twelid legalment mizzewga (kif ghada) lir-C D;
- u li, ghad li ‘*de facto’* separati ghall-imsemmi perjodu kollu, ma kienux ghal dak il-perjodu legalment separati;

Illi fattwalment it-tifla S hija il-bint naturali u bijologika tal-attur, li giet koncepita minn relazzjoni li kellu mal-konvenuta J D.

## C. Talbiet

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara l-attur A B (KI Nru. 393203L), bhala il-missier naturali tat-tifla moghtija l-isem 'S', li twieldet fis-7 ta' Lulju 2008 lill-konvenuta J D (KI Nru. 31562M);
2. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi l-Att tat-Twelid iskritt bin-numru 2525 tas-sena 2008 (Dok. A anness) fis-sens illi:

(a) fejn hemm l-intestatura 'Taghrif dwar it-tarbija', fil-kolonna 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' jithassar il-kunjom 'D' u minfloku jiddahhal il-kunjom 'B';
(b) u fejn hemm l-intestatura 'Taghrif dwar Missier it-tarbija', jithassar l-isem 'C D' u l-informazzjoni l-ohra kollha relatata mieghu u minflok taht il-kolonna 'Isem u kunjom' jiddahhlu il-kliem "A B", taht 'Id-Dokument tal-Identita`' in-numru "393203L", taht 'Eta' in-numru "42", taht 'Fejn: Twieldu – Joqghodu', rispettivament "Hounslow, Middlesex, England" u "Gwardamangia, Pieta`", u taht 'Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet' il-kliem "Z Alfred B (Alive)".

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha eccepixxa:

1. Illi in vista tal-avviz legali 11 tal-2011 (Dok. A), id-disposizzjonijiet kollha tal-Att XXIII tal-2010 (Dok. B) li jemenda il-Kodici Civili dahlu fis-sehh fl-14 ta' Jannar 2011 u ghaldaqstant, b'effett minn dik il-gurnata, azzjoni ghal dikjarazzjoni ta' paternita` tista` tigi ezercitata minn kull min jghid li huwa l-missier naturali ta' tarbija mwielda

fiz-zwieg *ai termini* tal-artikolu 77A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi *ciononostante*, peress li ghaddew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri S, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) *ai termini* tal-artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri S, tinkiseb l-awtorizazzjoni mill-istess Qorti ghal procediment tal-azzjoni odjerna.

3. Illi bla ebda pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu b’mod partikolari dwar il-paternita` tal-minuri S D, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti, ghalkemm f’dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 77D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni ir-rikorrenti jrid jipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri S, l-intimata J D kienet wettqet adulterju mar-rikorrenti A B u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li jista` wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jindikaw lill A B u/jew jeskludu lir-ragel tal-intimata C D bhala l-missier naturali tal-imsemmija minuri S, u dan *ai termini* tal-Artikoli 77A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti jridu fl-istess waqt jeghlbu l-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta billi adegwatament u konvincentement juru li l-pussess ta’ stat tal-minuri S D ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha;

6. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f’kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa` t-talbiet

tar-rikorrenti huwa mportanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem C D,  senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 2525 tas-sena 2008;

7. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kas l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attur A B li permezz taghha jikkontendi li ghalkemm il-minuri S D twieldet fiz-zwieg ta' bejn l-intimat C D u J D u ghalhekk fic-certifikat tat-twelid taghha gie mnizzel li hija l-wild naturali tal-istess imsemmi intimat C D, fil-fatt, l-istess minuri hija l-wild naturali tar-rikorrenti A B u ghalhekk l-attur qieghed jitlob lill-Qorti sabiex tordna l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri sabiex dan ma jibqax juri li l-intimat C D huwa missier l-imsemmija minuri.

C D, ghalkemm debitament notifikat nhar it-3 ta' Novembru 2011, baqa' ma ntavolax ir-risposta guramentata tieghu u ghalhekk huwa kontumaci f'dawn il-

proceduri. L-intimata J D ukoll ma prezentatx ir-risposta guramentata taghha izda jigi rilevat li waqt l-udjenza tat-28 ta' Novembru 2011 hija ddikjarat li taqbel mat-talbiet tar-rikorrent.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Ir-rikorrent jispjega li l-intimati D kienu ilhom legalment separati minn Gunju 2004. Huwa ltaqa' mal-intimata gewwa r-*restaurant* Michelangelo gewwa l-Qawra fejn kienu jahdmu u minn hemm bdiet ir-relazzjoni taghhom. Dan kien f'Marzu 2007. Imbaghad ir-rikorrent jispjega li f'Ottubru tal-istess sena hu u l-intimata skoprew li kien ser ikollhom tarbija. Fil-frattemp, il-kawza ta' separazzjoni ta' bejn l-intimati kienet ghadha ma gietx deciza *stante* li s-sentenza ta' separazzjoni taghhom inghatat nhar il-11 ta' Dicembru 2008 u cioe' meta l-intimata kienet diga' tqila bit-tarbija tar-rikorrent.

L-istess rikorrent jispjega li hu kien prezenti hafna tul it-tqala tal-intimata tant li mar maghha ghall-visti tat-tabib u li mill-ewwel wera x-xewqa li din it-tarbija li kienet gejja fid-dinja tkun imnizzla bhala bintu. Pero' minhabba li din it-tarbija twieldet qabel ma giet pronunzjata s-sentenza ta' separazzjoni bejn l-intimati D, dan ma kienx possibbli minhabba l-presunzjoni legali li tezisti, peress li fiz-zmien tat-twelid tal-istess minuri, r-l-intimati C u J D kienu ghadhom mizzewgin.

Ir-rikorrent jghid li jixtieq li c-certifikat tat-twelid ta' bintu jirrifletti l-verita' u cioe' li jkun imnizzel bhala missierha biologiku minflok l-intimat C D. Jghid hekk ghaliex apparti li kien cert li t-tarbija hija tieghu, dan hu kkonfermat ukoll b'mod xjentifiku mit-test ta' DNA[1] li juri li bhala stat ta' fatt l-attur hu il-missier tal-minuri S. L-istess rikorrent jghid li huwa jaqdi d-dmirijiet tieghu bhala missier tant li ghadu fil-hajja tal-istess wild b'mod kostanti u jhallas manteniment ghall-istess bint.

[1] Ara a fol 10 tal-process

L-intimata J D tikkonferma dak kollu li jispjega r-rikorrent u zzid tghid ukoll li minn mindu l-intimat C D hareg mid-dar gia matrimonjali hija qatt ma kellha relazzjonijiet intimi hlief mar-rikorrent u li ghaldaqstant, m'ghandha ebda dubju dwar il-paternita' ta' bintha S.

Illi flimkien mar-rikors guramentat prezentat mir-rikorrent, gie prezentat u sussegwentement mahluf rapport tad-*DNA* li permezz tieghu gie stabbilit li hemm possibilita' ta' 99.9999%[2] li l-attur A B huwa l-missier biologiku tal-minuri msemmija u konsegwentement dan ifisser li l-intimat C D huwa eskluz mill-possibilita' li jkun il-missier biologiku tal-istess minuri. Il-Qorti tinnota wkoll li r-rapport tad-DNA gie mahluf u kkonfermat minn Marisa Cassar nhar is-16 ta' Frar 2012 (ara a fol 11 tal-process).

**<u>Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku</u>**

Illi dwar it-tieni eccezzjoni tal-istess Direttur tar-Registru Pubbliku, u cioe' li l-azzjoni odjerna kellha tkun preceduta permezz ta' rikors quddiem din il-Qorti *ai termini* tal-Artikolu 77C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex wara li din il-Qorti tkun semghet lill-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri, tinkiseb l-awtorizazzjoni mill-istess Qorti ghal procediment tal-azzjoni odjerna, u dan stante li ghaddew aktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri, il-Qorti tirrileva li din l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata permezz tar-rikors intavolat mir-rikorrent nhar l-10 ta' Gunju 2011 li permezz tieghu intalbet l-awtorizazzjoni tal-Qorti sabiex ir-rikorrent jkompli jipprocedi bit-talbiet tieghu u permezz ukoll tad-digriet ta' din il-Qorti datat l-14 ta' Marzu 2012 li permezz tieghu it-talba tar-rikorrent giet milqugha;

Illi dwar ir-raba' eccezzjoni u cioe' li r-rikorrent irid jipprova sal-grad rikjest mill-ligi li fiz-zmien bejn it-300 mitt gurnata u l-180 gurnata qabel it-twelid tal-minuri S l-intimata J D kienet wettqet adulterju u *di piu'* jipprova, anke permezz ta' testijiet genetici li jindikaw lil A B bhala l-missier

[2] Ara a fol 11 tal-process

biologiku tal-istess minuri u/jew li jeskludu lill-intimat C D milli jkun il-missier biologiku tal-istess minuri u dan *ai termini* tal-Artikolu 77A u 77B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tirrileva li tali presunzjoni giet meghluba principalment mid-DNA test li ma jhalli ebda forma ta' dubju dwar il-paternita' tal-minuri kif ukoll mix-xiehda tal-istess rikorrent u tal-intimata[3];

Illi dwar il-hames eccezzjoni u cioe' li r-rikorrent irid jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha ta' Artikolu 81 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinciment juri li l-pussess ta' stat tal-minuri ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha, il-Qorti terga' tirrileva li tali presunzjoni giet meghluba wkoll principalment mid-DNA test li ma jhalli ebda forma ta' dubju dwar il-paternita' tal-minuri kif ukoll mix-xiehda tal-istess rikorrenti;

Illi dwar is-sitt eccezzjoni u cioe' li f'kaz li il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici, l-kelmiet "the said' li jinsabu qabel isem C D, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' registrazzjoni 2525 tas-sena 2008 il-Qorti thoss li tali eccezzjoni ghandha tigi milqugha *stante* li ma jezisti ebda dubju li l-minuri hija fattwalment bint ir-rikorrent u konsegwentement hemm lok li c-certifikat tal-istess minuri jkun emendat sabiex jirrifletti l-verita'.
Illi in vista tax-xiehda prodotta, u in vista tad-*DNA test* li ma jhalli ebda ombra ta' dubju dwar il-paternita' tal-istess minuri, il-Qorti hija konvinta li jezistu dawk l-elementi necessarji sabiex issir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tirrispingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku hlief ghas-sitt eccezzjoni tieghu, illi qeghda tintlaqa', tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

---

[3] Ara l-affidavits rispettivi taghhom esebiti a f ol 50 u 52 tal-process rispettivament

(1) Tiddikjara li l-attur A B bil-karta tal-identita’ numru 393203L huwa l-missier naturali tat-tifla S li twieldet nhar is-7 ta’ Lulju 2008 lill-intimata J D;
(2) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi l-Att tat-Twelid iskritt bin-numru 2525 tas-sena 2008 billi:

(a) Kunjom l-istess minuri S jigi mibdul u korrett ghal dak ta’ B;
(b) Ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri S D mill-kolonna li tirrapprezenta d-dettalji tal-missier u dan billi isem il-missier jigi mibdul ghal A B, il-karta tal-identita’ tigi mibdul ghal 393203L, l-eta’ tigi mibdula ghal 42 sena, il-Post tat-twelid jigi mibdul ghal Hounslow, Middlesex England filwaqt li r-residenza tigi mibdula ghal Pieta’, u isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet jigi mibdul ghal Z Alfred B (haj).
Bl-ispejjez kontra ir-rikorrent u l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------